Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

Il-Kamra tal-Avukati

Vs

Il-Prim Ministru Robert Abela, Il-Ministru tal-Intern u tas-Sigurta Av. Glenn Bedingfield, l-Ministru tal-Gustizzja, ir-ricerka u l-Innovazzjoni l-Av. Clifton Grima, Segretarju Permanenti tal-Intern u tas-Sigurta, s-Segretarju Permanenti tal-Gustizzja, ir-ricerka u l-Innovazzjoni, l-Kap tas-Servizzi Sigrieti Joseph Bugeja u l-Avukat ta' l-Istat

**Protest tal-Kamra tal-Avukati.**

Tesponi bir-rispett –

1. Illi l-mittenti gew a konoxxjenza ta' fatti ta' natura straordinarja u eccezzjonali dwar is-sorveljanza, monitoragg, intercetazzjoni u recordings ta' konversazzjonijiet privilegjati bejn avukat u l-klijent, fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin;
2. Illi fil-4 ta' Gunju 2026, il-mittenti kitbet formalment lil protestat Ministru tal-Intern, wara illi rceviet ilment li kien qed jindika bl'aktar mod evidenti illi f'Jannar 2021, mandat ta' intercetazzjoni li gie ffirmat mill-Ministru tal-Intern ta' dak iz-zmien, kien awtorizza l-uzu ta' "listening devices", fil-kmamar ta' visitazzjoni fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, liema kmamar jintuzaw mill-prigunieri sabiex jiltaqghu mal-familjari u mar-rapprezentanti legali taghhom.
3. Illi l-protestati nghataw terminu ta' hames (5) t'ijiem sabiex jirrispondu ghal tali ittra;
4. Illi l-mittenti rceviet risposta mill-Avukat tal-Istat wara, liema risposta ma ndirizzatx it-thassib serju tal-mittenti u li ma tat l'ebda spjegazzjoni

li setghet tiggustifika dan il-ksur fundamentali tal-privilegg professjonali legali bejn avukat u l-klijent tieghu, meta dawn il-konversazzjonijiet gew monitorjati u rikordjati minn Istituzzjoni Statali;

5. Wara din il-korrispondenza, il-mittenti giet a konoxxjenza ta' fatti godda wara xhieda taht gurament minn exs Direttur tal-Habs, li kkonferma li kien hemm, jew ghad hemm, sistema organizzata u abbuziva fil-kmamar tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, ta' intercetazzjonijiet li ma jaghmlu l'ebda distinzjoni bejn laqghat bejn il-prigunier u l-avukat u laqghat bejn il-pruginier u vizitaturi ohra;

6. Illi din ix-xhieda taht gurament ikkonfermat illi l-konsultazzjonijiet u konversazzjonijiet privilegjati kienu qed jigu ntercettati u ghalhekk jiffurmaw parti minn sistema stabbilita li ma ghamlet l'ebda distinzjoni bejn it-tip ta' konversazzjonijiet li gew mismugha;

7. Illi l-privilegg professjonali legali huwa wiehed mill-pedamenti fundamentali tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u tas-Saltna tad-Dritt u huwa ndispensabbli ghal ezercizzju effettiv tad-dritt tad-difiza, d-dritt ghal assistenza legali u d-dritt ta' smiegh xieraq;

8. Illi l-kunfidenzjalita tal-komunikazzjonijiet bejn il-avukati u l-klijenti huwa salvagwardat mill-Kostituzzzjoni ta' Malta, mill-Konvenzjoni Ewropeja ghad Drittijiet tal-Bniedem, in partikolari ai termini tal-Artikoli 6 u 8 ta' din il-Konvenzjoni;

9. Illi l-awtorizazzjoni li jkun hemm dawn il-intercettazzjonijiet u recordings ta' konversazzjonijiet privileggjati timmina serjament dawn is-salvagwardji kostituzzjonali u tattakka l-fiducja pubblika fl-amministrazzjoni tal-gustizzja u fis-saltna tad-dritt;

10. Illi l-kunfidenzjalita tal-komunikazzjonijiet bejn il-avukat u l-klijent mhuwiex biss principju kostituzzjonali izda huwa specifikatament protett mill-Artikolu 355AUB tal-Kodici Kriminali kif ukoll il-Artikolu 588 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u mill-fatti li taf bihom il-mittenti s'issa, jidher li tali principju gie vvjolat b'mod sistematiku;

11. Illi din il-prattika sistematika u istituzzjonalizzata tmur oltre r-responsabbilita kriminali ndividwali u tqajjem thassib serju dwar il-integrita ta' proceduri kriminali li setghu gew affettwati minn dawn il-intercetazzjonijiet fuq medda sostanzjali ta' zmien;

12. Illi ghalhekk il-mittenti qeghdin formalment jipprotestaw dwar kull sorvelljanza, intercetazzjoni, monitoragg, recording u hazna jew ipprocessar ta' komunikazzjonijiet privileggjati passati u prezenti li seta jew li ghad hemm;

13. Illi ghalhekk il-mittenti qeghda titlob:

i) il-preservazzjoni immedjata ta' kull reġistrazzjoni, traskrizzjoni, apparat, records elettroniċi, logs ta' aċċess, awtorizzazzjonijiet, istruzzjonijiet u kull materjal ieħor rilevanti għal din il-kwistjoni;

ii) Sabiex jigi kkonfermat minghajr dewmien li ma hemm l'ebda sistema ta' intercetazzjoni u sorvelljanza f'dawk il-kmamar fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, li fihom ikun hemm konsultazzjonijiet privilegjati bejn il-avukat u l-klijent tieghu;

iii) Sabiex jigi kkonfermat minghajr dewmien illi l-konsultazzjonijiet privilegjati kollha qeghdin isiru in konformita mall-Artikolu 355AUB tal-Kodici Kriminali Kriminali kif ukoll il-Artikolu 588 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

iv) Sabiex jittiehdu dawk il-mizuri kollha necessarji biex dan il-ksur istituzzjonalizzat ta' drittijiet fundamentali mill-Istat ma jibqax isehh;

Ghaldaqstant il-protestanti Kamra tal-Avukati filwaqt li ggib il-espost a formali konoxxjenza taghkom, tinterpellakom sabiex immedjatament jittiehdu dawk il-passi kollha necessarji biex dan il-ksur sistematiku ta' dritt fondamentali jieqaf u tpoggikom *in dolo, colpa et mora* ghall-effetti u skopjiet kollha tal-ligi, b'rizerva gahd-drittijiet u azzjonijiet li ghandu l-protestant.

Av. Peter Fenech

Av. Stefan Camilleri

Av. Paul Micallef Grimaud

Av. Anna Mifsud Bonnici